



**Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea**

**Brussell, 1 ta' April 2022  
(OR. en)**

**7687/22**

**FIN 372  
INST 104**

**ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett:                   Dikjarazzjoni konġunta dwar id-dati għall-proċedura baġitarja u l-  
modalitajiet għall-funzjonament tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fl-2022

---

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA**

**Dati għall-proċedura baġitarja u modalitajiet għall-funzjonament tal-Kumitat ta'  
Konċiljazzjoni fl-2022**

- A. F'konformità mal-Parti A tal-anness għall-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu dwar id-dati ewlenin li ġejjin għall-proċedura baġitarja tal-2023:
1. Il-Kummissjoni ser tagħmel hilita biex tippreżenta d-Dikjarazzjoni tal-Estimati għall-2023 sal-bidu ta' Ġunju;
  2. Ser jissejjaħ trilogu fl-14 ta' Lulju (filgħodu), wara l-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill;
  3. Il-Kunsill ser jagħmel ħiltu biex jadotta l-pożizzjoni tiegħu u jgħaddiha lill-Parlament Ewropew sa tmiem is-36 ġimgħa, sabiex jiġi ffaċilitat ftehim f'waqtu mal-Parlament Ewropew;
  4. Il-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament Ewropew ser jagħmel ħiltu biex jivvota dwar l-emendi għall-pożizzjoni tal-Kunsill sa tmiem id-39 ġimgħa (l-aħħar ġimgħa ta' Settembru);
  5. Ser jissejjaħ trilogu fit-13 ta' Ottubru (filgħodu), qabel il-qari tal-Parlament Ewropew;

6. Il-Plenarja tal-Parlament Ewropew ser tivvota dwar il-qari tagħha fit-42 ġimgħa (Sessjoni plenarja tas-17-20 ta' Ottubru);
  7. Il-perijodu ta' Konċiljazzjoni ser jibda fil-25 ta' Ottubru. F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 314(4)(c) TFUE, iż-żmien disponibbli għall-konċiljazzjoni ser jiskadi fil-14 ta' Novembru 2022;
  8. Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni ser jiltaqa' fis-27 ta' Ottubru (filgħodu), ospitat mill-Parlament Ewropew, u fil-11 ta' Novembru, ospitat mill-Kunsill (u jista' jerġa' jibda kif xieraq); is-sessjonijiet tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni ser jitħejjew permezz ta' trilogu/i. Huwa skedat trilogu fis-27 ta' Ottubru (filgħodu). Jista' jissejjaħ trilogu/i addizzjonali matul il-perijodu ta' konċiljazzjoni ta' 21 jum, inkluż fl-10 ta' Novembru, ospitat mill-Kunsill.
- B. Il-modalitajiet għall-funzjonament tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jinsabu fil-Parti E tal-anness għall-ftehim interistituzzjonali msemmi hawn fuq.